# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA .........................

## CUGLIERI

Il-Gimgha Mqaddsa hija l-quccata tal-manifestazzjonijiet li jigu celebrati tul iz-zmien tar-Randan.  Dan il-periodu jitqassam f'sitt gimghat, eskluz dak tal-Passjoni li matulhom il-hames konfraternitajiet ta' Cuglieri jiehdu sehem mal-kappillan fil-Via Crucis li ghaliha jattendu wkoll numerozament il-fidili tal-lokal. Minhabba li l-konfraternita' tal-Hniena giet xolta postha haditu l-fratellanza tar-Ruzarju li tohrog allura darbtejn.

Il-processjoni thalli l-Bazilka tal-Madonna tas-Silg, is-sede tal-fratellanza tar-Ruzarju u timxi sal-knisja ta' Sant'Anton minn Padova, sede ta' l-ex konfraternita' tal-Hniena b'waqfiet quddiem slaleb imwahhla f'diversi punti tat-triq tal-processjoni.  Wara terga tirritorna lejn il-Bazilka biex tinghata l-Benedizzjoni.  Matul ir-Randan il-fidili jigu mistiedna biex jisimghu kors ta' ezercizzi spiritwali bhala thejjija ghall-Passjoni tas-Sinjur taghna Gesu' Kristu.

L-ordni li fih jiehdu sehem hija kif gejja:

L-ewwel gimgha: il-konfraternita' tas-Salib Imqaddes.

It-tieni gimgha: il-konfraternita' tal-Vergni tal-Grazzji

It-tielet gimgha: il-konfraternita' tal-Vergni tar-Ruzarju.

Ir-raba' gimgha: il-konfraternita' tal-Karmnu

Il-hames gimgha: il-konfraternita' ta' San Gwann il-Battista.



Is-sitt gimgha: il-Gimgha ta' l-Addolorata u partecipazzjoni fil-Via Sagra bl-istatwa tal-Vergni tas-Seba' Duluri. Wara x-xbiha l-kori jkantaw l-Istabat Mater. Hekk kif jidhlu fil-Bazilka issir omelija u mill-gdid f'purcissjoni solenni l-korteo jakkumpanja d-dhul tal-fratellanza fis-sede taghhom fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzji. Hawn il-kor itemm l-kant ta' l-Istabat Mater u tinghata l-benedizzjoni mill-kappillan.

F'bosta djar fir-Randan, jizirghu l-qamh f'recipjent u jhalluh fid-dlam biex jikber abjad. Fil-jum ta' l-Erbgha tal-Gimgha Mqaddsa jitqieghdu fis-sepulkri biex izejnuhom. Hafna drabi jhallu n-nofs vojt biex iqieghdu xema' tixghel u hekk is-sepulkru ikollu dehra li tqanqal ghad-devozzjoni. Fil-Hadd li jigi wara l-hames gimgha tar-Randan issir dak li huma jsejhulha l-"priedka ta' l-erwieh." Il-kappillan jirrecita is-Seba' Salmi Penitenzjali u l-Litanija ta' Qaddisin kollha, jaghmel omelija solenni u fl-ahhar tinghata l-Benedizzjoni u ssir il-bewsa tas-Salib. Hekk kif jispicca kollox il-kori jkantaw il-Miserere.

Fil-jum tal-Hadd qabel l-Ghid tinzamm ic-ceremonja tal-Palm. Ikun hemm attendenza numeruza ghal dik organizzata mill-kappillan mal-konfraternita' tar-Ruzarju. Tibd'a l-quddiesa solleni fil-knisja ta' San Quirico, jinqara mill-evangelju d-dhul ta' Kristu gewwa Gerusalemm, jitbierku il-frieghi taz-zebbug u l-palm u tibda l-processjoni ghall-Bazilka fejn titkompla l-Quddies bil-qari tal-Passjoni, omelija u l-Ewkaristija. Filghaxija issir il-priedka fuq il-Gudizzju u l-kor ikanta il-Miserere.

Il-processjoni tal-gimgha mqaddsa gewwa Cuglieri, komun fil-provincja ta' Ortisano fir-regjun ta' Sardinja

## HAMIS IX-XIRKA

Ir-riti tal-Gimgha Mqaddsa jibdew fil-jum ta' Hamis ix-Xirka: matul il-



ghodwa fil-knejjes kollha tal-fratellanzi jigu celebrati il-quddies li matulhom jinqraw il-Passjoni. Fi tmiem ic-celebrazzjonijiet l-Ewkaristija tigi trasporata solennement fil-kappelli tas-Sepulkri, fl-urni, ghall-qima ta' l-insara.

Meta tispicca c-celebrazzjoni jinzamm rit partikolari: is-sacerdot jinza' l-pjaneta u wara li jilbes stola vjola jintona l-miserere filwaqt li s-sorijiet u s-superjuri jnehhu minn fuq l-artali t-triehi minn kull tizjin u jaqilbu l-kurcifissi u l-kandlieri bhala sinjal ta' luttu. Fl-antik wara din ic-celebrazzjoni fil-knisja ta' Sant'Anton minn Padova , il-fratelli tal-Vergni tal-Hniena kienu jiehdu hsieb li jqassmu l-hobz lil foqra wara li dan jitbierek. Din l-uzanza baqghet tkun mharsa mill-fratellanza tar-Ruzarju u giet trasferita wara l-laqgha ta' filghaxija tal-konfraternitajiet fil-quddiesa ta' filghaxija, "in Coeana Domini", fil-Bazilka.

Wara nofsinhar isiru l-ewwel laqghat tal-konfraternitajiet kull wahda bl-istatwi propja taghhom u s-slaleb suwed simbolu ta' luttu u penitenza. Il-konfraternita' ta' l-Addolorata iggorr l-istatwa tal-Vergni tad-Duluri. Dik tas-Salib Imqaddes iggorr l-istatwa ta' Santa Marija Maddalena, il-fratellanza tal-Karmnu ggorr li-istatwa tal-Veronika, dik ta' San Gwann il-Battista iggor l-statwa ta' Santa Marta, filwaqt li tnax mill-fratelli tal-fratellanza tal-Hniena jirrapresentaw it-tnax-il appostli, kull wiehed minnhom bix-xema f'idejh.

Kull fratellanza tohrog mill-oratorju taghha u timxi fit-toroq biex f'punt minnhom kollha kemm huma jinghaqdu f'processjoni wahda li titlaq lejn il-Bazilka. Hemm ikunu jistennewhom il-kappillan u l-fratellanza tar-Ruzarju li jkollha maghha l-istatwa ta' Santa Marija Cleofa biex jassistu ghall-Quddiesa Solenni ta' Hamis ix-Xirka "In Coeana Domini." Matul il-Quddiesa isir ir-rit tal-Hasil tas-Saqajn u it-Tberik tal-Hobz. Tnax-il persuna kollha maghzula mill-konfraternitajiet jaghmluha ta' Appostli. Dawn jinzghu z-zarbun u l-kalzetti u s-sacerdot celebrant jahslilhom saqajhom b'mazz



lavanda imfewha u imxarrba fl-ilma mbierek. Wara li jixxutahomlhom ic-celebrant ibushomlhom. Immedjatament isir it-tberik tac-cestini mimlija hobz. Fuq il-mejda flimkien mal-hobz ikunu esposti u jitbierku tnax-il huta li jinghataw lill-appostli skond uzanza antika tal-lokal.

Wara l-quddiesa l-fratelli kollha wara l-insigja taghhom u l-istatwa rispettiva taghhom jimxu flimkien mas-sacerdot biex izuru lil Gesu' Sagrament espost fl-artali tar-Reposizzjoni. Il-fratellanzi jimxu f'din l-ordni:

San Giovanni Battista li antikament kienet preceduta mill-fratellanza tal-Madonna tal-Hniena, il-Madonna tal-Karmnu, il-Madonna tar-Ruzarju, is-Salib Imqaddes, Madonna Addolorata. F'din l-ordni, il-processjoni timxi biex izzur dawn is-Sepulkri:

Is-sepulkru tal-konfraternita' tar-Ruzarju: fil-kappella ta' San Guzeppi fil-Bazilka.

Is-sepulkri tal-konfraternita' tal-Hniena: fil-knisja tal-Kappuccini ta' San Dwardu u Anton minn Padova fil-kappella tas-Kurcifiss.

Is-sepulkru tal-konfraternita' ta' San Gwann il-Battista: fil-knisja ta' San Gwann il-Battista fil-kappella ta' Sant'Appolonia.

Is-sepulkru tal-konfraternita' tal-Karmnu: fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, fil-kappella ta' San Gabirjiel Arkanglu.



Is-sepulkru tal-konfraternita' l-Addolorata: fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzji tas-Serviti, kappella tal-Kurcifiss.

Is-sepulkru tal-konfraternita' tas-Salib Imqaddes: fil-knisja ta' Santa Silvana - Salib Imqaddes fil-kappella ta' Santa Vittorja.

Meta l-konfraternita' tasal fl-oratorju rispettiv taghha tistenna barra sakemm johorgu l-fratellanzi l-ohra. Qabel il-konfraternita' ta' l-Addolorata tidhol fil-knisja taghha, il-membri tal-fratellanzi l-ohra kollha jaghmlu genuflessjoni profonda bhala sinjal ta' rispett lejn il-Vergni Mbierkba.

## IL-GIMGHA L-KBIRA

"S'Ingravamentu" (il-Krucifissjoni)

Il-Gimgha l-Kbira huwa l-jum li fih l-aktar attivita' religjuza u l-attenzjoni hija kwazi kollha mitfugha fuq il-konfraternita' ta' l-Addolorata. Ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghodu, jibda dak li jsejhlu r-rit ta' "De s'Ingravamentu", bid-djalett tal-lokal jew ahjar il-krucifissjoni li ghandha erba' mumenti differenti:



Fil-knisja tal-Vergni tal-Grazzji,



waqt li s-sacerdot jintona il-Miserere, tinfetah in-nicca li fiha tintrefa' is-sodda ta' Kristu mejjet u l-korp ta' Kristu Kurcifiss. (1) Fil-kappella ta' San Duminku l-korp jigi imwahhal mas-salib u jigi espost fil-kappella tas-Santissmu Kurcifiss ghall-qima tal-fidili u b'mod partikulari minn bniedem li f'hajtu jkun ghamel weghda li jgorr is-salib penitenzjali.



(2) Ghal din l-okazzjoni dan il-bniedem jilbes il-kunfratija tal-fratellanza ta' l-Addolorata.



(3)Fil-hdax il-penitent jgorr is-salib f'processjoni mill-knisja tal-Vergni tal-Grazzji sal-Bazilka ta' Cuglieri. It-triq tiehu forma ta' telgha u tfakkar lill-penitent u lil dawk li jsegwuh li Kristu biex wasal sal Kalvarju kellu jaghmel mixja ta'

tbatija, 2000 sena ilu.

(4) Din il-processjoni ghandha karatteristika singolari ghaliex il-partecipanti jkollhom jimxu b'pass imghaggel kwazi jigru. Flimkien mal-membri tal-konfraternita' jiehdu sehemu koll dawk in-nisa li kellhom xi luttu fil-familja bejn il-Gimgha l-Kbira ta' dik is-sena u l-ohra ta' qabilha. Dawn, kif inhi t-tradizzjoni jgorru f'idejhom lampi tad-dawl mixghula biz-zejt  u jimxu wara s-salib li wara li jkun arbulat idawwluh b'dawn il-lampi.

Il-konfraternita' tidhol fil-knisja tal-Grazzi fejn ikunu bdew jingabru il-konfraternitajiet l-ohra ghall-processjoni bi Kristu fuq is-salib li l-kapijiet tal-fratellanza ta' l-Imqaddes Kurcifiss jghattu bi-drapp.  Il-fratellanzi l-ohra fl-ordni imsemmija fuq johrogu mill-knisja, warajhom il-kurcifiss mghotti merfugh fuq l-ispalla minn  rappresentanti tal-fratellanzi . Wara jimxu c-celebtrant u l-kor ikanta l-Miserere. Meta l-processjoni mill-gdid fuq il-post fejn kien arbulat l-ewwel salib, tibda priedka solenni u l-Kurcifiss jigi mikxuf. Bi pjan imfassal minn qabel u attrezzament ta' hbula l-Kurcifiss jitwahhal mal-kontro salib ta' qabel hekk liz-zewg kurcifissi jiffurmaw salib wiehed.  Dan isir hekk kif ic-celebrant jiddeskrivi il-processjoni ta' Gesu' lejn il-Golgota.

 Hekk kif tintemm il-priedka, il-konfraternitajiet ikollhom l-appuntament taghhom ghal filghaxija dejjem fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzji.




 Wara nofsinhar, il-konfraternitajiet jiltaqghu mill-gdid fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzji, fejn zewgt fratelli wiehed tas-Salib Imqaddes u l-iehor ta' l-Addolorata jippersonifikaw ta' zewg persuni bibblici,  Nikodemu u Guzeppi minn Armatea. Huma jgorru zewg qfief, wiehed bl-istrumenti tad-Deposizzjoni u l-iehor b'lizar abjad biex inizzlu lil Kristu u jaghthulu l-pjagi.

Dawn flimkien ma' diversi fratelli tal-konfraternitajiet l-ohra jaghtu s-sehem taghhom biex inizzlu lil Gesu' mis-Salib.

Il-processjoni titlaq mill-knisja tal-Grazzi ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija bil-fratellanzi jimxu skond l-ordni, imma minghajr l-istatwi rispettivi taghhom. Fl-ahhar timxi l-fratellanza ta' l-Addolorata bl-istatwa tad-Duluri u warajhom il-kappillan u l-kor jkantaw l-Istabat Mater. Nikodemu u Guzeppi minn Armatea jsibu posthom immedjatament wara l-vara bil-qfief f'idejhom. Inizzlu lil Kristu minn fuq is-Salib u jgorruh fuq dak li huma jsejhulha "Lettiga" sal-Bazilka fejn hemm il-predikatur jinseg priedka fuq id-deposizzjoni ta' Kristu minn fuq is-Salib.



Meta tintemm il-priedka l-korp jigi mghotti b'velu.

Mill-Bazilka l-korp jigi mghotti b'velu . Il-Kor jintona il-Miserere u f'ordni titlaq il-processjoni ghall Knisja tal-Madonna tal-Grazzi. Meta jaslu hawn il-kor jispicca jkanta u x-xbiha ta' Kristu titqieghed f'lok ghal adorazzjoni tal-fidili.

L-appuntament li jmiss ikun ghal ghada filghodu.



Is-Sibt filghodu kmieni ghall-habta tas-sebgha ta'filghodu kil-konfraternitajiet kollha, bl-istawi tan-nisa twajba, jingabru flimkien fil-Bazilka biex jaghtu bidu ghall-purcissjoni.

Mill-Bazilka tohrog il-purcissjoni mmexxija mill-kappillan u l-kor li jkanta l-"Stabat Mater wara l-istatwa tad-Duluri. L-ahhar knisja li fiha jidhlu hija dik tal-Grazzji ghaliex hemm ikun
espost Kristu mejjet.

Wara li jispicca kollox, jintemmu c-celebrazzjonijiet tas-Sibt
Imqaddes. Jibdew isiru preparamenti u thejjijiet ohra ghall-festa ta' Kristu Rxoxt.

## HADD IL-GHID

Jispicca ir-Randan u jintemmu c-celebrazzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa bil-festa glorjuza u allegra ta' l-Ghid Il-Kbir jew il-festa ta' Kristu Rxoxt.

Hija l-fratellanza tas-Salib li torganizza l-festi ta' l-Ghid il-Kbir. Jingabru l-fratellanza kollha fil-knisja biex jiehdu sehem u jakkumpanjaw il-purcissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt u ta' Marija, mhux aktar Addolorata izda mlibbsa ghal-okazzjoni ta' ferh. Il-fratelli jnehhu l-ghata tar-ras li kienet sinjal ta' luttu u jilbsu fuq sidirhom is-salib tal-festa flok dak iswed. Dawn ikun mzejna bil-fjur u kif titlob it-tradizzjoni s-sacerdot johrog ibierek dawn is-slaleb imzejna u l-istendardi tal-fratellanzi.



L-istatwa ta' l-Rxoxt u dik ta' Marija ta' l-Ghid ikunu merfugha minn tmiem reffiegha maghzula minn fost il-fratelli tal-fratellanzi tas-Salib, ta' l-Addolorata, tar-Ruzarju u tal-Karmnu, tnejn minn kull fratellanza. Tibda' l-purcissjoni mill-Bazilka tal-Madonna tas-Silg wara li tkun celebrata l-Ewkaristija u r-rit ta' l'hekk imsejjah "incontru". Dan l-incontru jew il-laqgha ta' Marija ma' Gesu' hu uniku gewwa Guglieri f'Sardenja ghaliex filwaqt li f'lokalitajiet ohra isir barra dan ta' Cuglieri jsehh fil-knisja.



Ir-rit isir hekk: appena s-sacerdot jintona l-glorja, is-sagristan jdoqq il-qniepen filwaqt li r-reffiegh jdawru x-xbiha ta' Marija biex tkun thares lejn



id-direzzjoni ta' Kristu Rxoxt. Wara l-quddiesa tohrog il-purcissjoni li tghaddi mit-toroq tar-rahal fost l-isparar minn fuq il-bjut. Ghal din l-okazzjoni tal-purcissjoni ta' l-Ghid fratell tal-fratellanza tas-Salib jgorr fil-bidu tal-purcissjoni s-Salib Parrokjali, li hu salib antik tal-fidda li fuq naha ghandu l-imagini tal-kurcifiss u fuq l-ohra x-xbiha ta' Marija Immakulata.

Hekk kif tispicca l-purcissjoni l-konfraternita' organizzatrici, taghmel invit lil hutha biex tidhol ghall-biibita ta' ftit imbid u xi helu.

Kulhadd imbaghad jirritorna lejn daru ghall-pranzu ta' l-Ghid.